## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 507/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Mary Rose Vella**

**Charmaine Vella**

Seduta tal-24 ta' Mejju, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Mary Rose Vella, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 12348G u Charmaine Vella, detentrici tal-Karta tal-identita' Maltija bin-numru 503177M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita' taghhom ta' diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta' kummercjali "ALL SEASONS HOLIDAYS LIMITED (C-37825) b'indirizz registrat Hotel Xlendi Resort & Spa, St. Simon Street, Xlendi Bay, Munxar (Gozo) Malta u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta' kummercjali sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu l-pagi dovuti ghal perjodu ta' bejn l-25 ta' Jannar 2016 u d-9 ta' Gunju 2016, ammontanti ghal €6853.77 naqsu jhallsu parti mill-Bonus Statutorju ghal perjodu ta' bejn l-25 ta'

Jannar 2016 u d-9 ta' Gunju 2016, ammontanti ghal €103.80, naqsu li jhallsu parti Weekly Allowance ghal perjodu ta' bejn l-25 ta' Jannar 2016 u d-9 ta' Gunju 2016 ammontanti ghal 93.20 Euro, naqsu li jhallsu Festi Pubblici ghal perjodu ta' bejn 10 ta' Frar, 2016 u s-7 ta' Gunju 2016 ammontanti ghal €346.15 u naqsu li jhallsu l-Vacation Leave dovut ghal perjodu ta' bejn l-25 ta' Jannar, 2016 u d-9 ta' Gunju 2016 ammontanti ghal €638.99 li b'kollox jammontaw ghal tmint t'elef u hamsa u tletin Ewro u wiehed u disghin centezmu (8035.91), VERSU LIEMA AMMONT THALLAS PAGAMENT TA' €4160 Ewro u tnaqqas il-Vacation Leave gia mehud li jammonta ghall-€623.07 fejn l-ammont dovut rimanenti huwa dak ta' tlett elef, mitejn u tnejn u hamsin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (3252.84) inkluzi t-taxxa u l-bolla u li kienu dovuti lill-ex impjegat taghkom u cioe lil Ian Scott Moyes (D 10935A);
Il-Qorti kienet mitluba tordna lill-imputati ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ihallsu l-penali skond il-ligi, kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Kap 452 u tar-Regolament 22 tal-Avviz Legali 247 ta' l-2003 kif emendat bl-Avviz 427 ta' l-2007 u 259 tal-2012 tal-ligijiet ta' Malta, sabiex thallsu lil Ian Scott Moyes (ID 109350A) l-ammont ta' tlett elef, mitejn u tnejn u hamsin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (3252.84) ghar-ragunijiet specifikati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Novembru, 2017 li biha sabet lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u kkundannathom elf euro (€1000) kull wahda pagabbli immedjatament konvertibbli fi prigunerija bir-rata ta' hamsa u tletin ewro kulljum. Inoltre ordnat lill-imputati sabiex fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza jhallsu lil Ian Scott Moyes l-ammont ta' tlett elef mitejn u tnejn u hamsin ewro, erbgha u tmenin centezmi (€3,252,84) lilu dovuti;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mary Rose Vella u Charmaine Vella pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2017 li bih talbu lil din il-Qorti joghgobha, f'nuqqas ta' akkoljiment tal-ewwel zewg aggravji, tibghat l-atti quddiem l-Ewwel Onoroabbli Qorti sabiex jerga jsir is-smiegh mill-gdid jew jitkompla skond kif opportun, u altrimenti **tirrevoka** s-sentenza appellata billi tillibera lill-imputati minn kull htija u piena u fin-nuqqas timmodifika l-piena kif mitlub fl-ahhar aggravju;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellanti jillanjaw s-sentenza appellata b'hames aggravji bl-ewwel tlieta diretti lejn in-nullita taghha. Ir-raba' aggravju jorbot mal-ewwel tlieta billi jargumentaw li f'kaz li inghataw l-opportunita' kienu jressqu difiza biex juru li ma kellhomx jinstabu hatja, filwaqt illi l-hames aggravju huwa wiehed alternattiv dwar il-piena erogata;
2. Fl-ewwel aggravju taghhom, l-appellanti jilmentaw mill-fatt illi l-ewwel Qorti kienet innominat perit legali biex jisma l-provi meta dan mhux konsentit mil-ligi. Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2017 l-ewwel Qorti kienet appuntat "*lil Dr. Jean Paul Grech bhala espert legali sabiex jisma x-*

*xhieda kollha, jigbor id-dokumenti kollha u jirraporta lura lill-Qorti*'. Ghal din l-udjenza l-imputati kienu debitament assistiti mill-avukat difensur taghhom u ma ressqu ebda oggezzjoni in rigward. Jemergi ukoll illi l-imputati dehru u ppartecipaw fis-seduti mizmuma mill-perit legali u kienu debitament assistiti u kien hemm ukoll dehra fejn d-difensur taghhom awtorizza l-prosegwiment tas-seduta fl-assenza taghhom, anke jekk dan muhiex legalment korrett;

3. Huwa minnu, kif josservaw l-appellanti, illi l-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali jipprovi illi bhala regola x-xhieda ghandhom dejjem ikunu ezaminati fil-qorti u *viva* voce. Minnu ukoll illi l-artikolu 650 tal-istess Kodici jobbliga lill-Qorti lil tordna perizja fil-kazijiet kollha li fihom tkun tinhtieg hila jew sengha specjali ghall-ezami tal-persuna. Fil-kaz odjern ma kien hemm ebda indikazzjoni ta' htiega ta' hila jew sengha specjali tant li kien mahtur avukat biex jisma ix-xhieda u jigbor dokumenti dwar kwistjoni ta' nuqqas ta' hlas ta' salarju, hlas ta' vaganzi pubblici u hwejjeg simili. Madandakollu, l-appellanti qatt ma oggezzjonaw ghal din il-procedura anke jekk mhux daqstant sollecitata mill-ligi u ma jistghux issa, ghaliex il-kawza kienet deciza sfavorevolment, jillanjaw is-sentenza b'aggravju bhal dan;

4. Fit-tieni aggravju, l-appellanti jilmentaw mill-fatt illi meta l-perit legali kkonsenja il-perizja tieghu fir-registru tal-Qorti fit-13 ta' Novembru, 2017, jum qabel l-udjenza quddiem il-Qorti, huma ma kienux konsapevoli ta' dan hlief li waqt l-udjenza deher il-perit legali u halef ir-rapport minnu prezentat fil-jum ta' qabel. Minnufih wara l-konferma tar-rapport, il-Qorti pprolatat is-sentenza. L-ilment tal-appellanti jaqra hekk: "*...fit-13 ta' Novembru 2017 , minghajr ma kienu jafu l-esponenti, il-perit legali dahhal ir-rapport tieghu fir-registru tal-Qorti, sabiex l-ghada 14 ta' Novembru 2017 il-Qorti giet ippreparata b'sentenza lesta fejn addottat ir-rapport tal-espert legali, dan meta l-kawza ma kienitx differita ghas-sentenza u meta l-imputati ma kellhom l-ebda hjiel x'kien fih ir-rapport tal-perit*

*legali…".* L-appellant ghalhekk jilmentaw minn nuqqas ta' dritt *audi et alteram partem.*

5. Issa, ezaminat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Novembru, 2017, jemergi illi l-appellanti kienu prezenti ghal dik l-udjenza assistiti minn Dr. Kevin Mompalao. Wara li l-perit legali kkonferma r-rapport bil-gurament, prezentat fit-13 ta' Novembru, 2017, il-kawza kienet deciza. Ukoll in tema ta' nullita', fit-tielet gravam, l-appellanti jilmentaw mill-fatt illi l-ewwel Qorti waslet ghal-konkluzzjoni ta' sejbien ta' htija a bazi ta' sentenzi minnha prolatati fil-konfront tal-istess appellanti. Fil-parti intestata Decide, l-ewwel Qorti ddikjarat illi wara li rat is-sentenzi taghha fix-xhur li ghaddew fil-konfront ta' l-imputati, b'rassenja ta' 19-il sentenza, u wara li rat l-artikoli relevanti sabet lill-appellanti hatja. L-appellanti jilmentaw illi is-sentenzi gia decizi kontra taghhom qatt ma kellhom ikunu parti mill-motivazzjoni tal-ewwel Qorti ghas-sejbien ta' htija;

6. L-artikolu 510 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi hu d-dmir tal-qrati tal-gustizzja kriminali li jipprovdu ghad-difiza gusta ta' l-imputati jew akkuzati. Issa, dan l-artikolu kien diversi drabi invokat b'success meta l-Qorti tkun ghaddiet ghal-gudizzju taghha minghajr ma l-imputat ikun debitament assisti. Ara Pulziija vs Bernard Grech App Krim 23.9.1998 u Il-Pulzija vs Reuben Bonnici App Krim 23.2.2011. Dan l-istess artikolu mhux limitat ghal-dawk il-kazijiet fejn imputat ma jkunx inghata dik l-assistenza mehtiega u ma hemm xejn x'jiddimostra li m' ghandux ikun ugwalment applikabbli ghal-kwistjoni odjerna ghaliex kif jidher mill-verbali tal-udjenza, l-appellanti ma kellhoml-ebda opportunita' li jezaminaw ir-relazzjoni tal-perit legali.

7. Illi dan in-nuqqas igib mieghu in-nullita' tas-sentenza u ghal din ir-raguni qed tilqa' it-tieni aggravju. Din il-Qorti tifhem u tapprezza il-volum ta' xoghol li jghaddi minn quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Tifhem ukoll illi huwa d-dmir tal-Qrati li ma jippermettux telf ta' hin minn xi parti jew ohra ghaliex il-kawza

ghandha tkun deciza fi zmien ragjonevoli u ghad illi jista' jaghti l-kaz illi Qorti jkollha ghalfejn tithasseb li certu talbiet jkunu saru bl-iskop ta' delungar u ghalhekk, u gustament, tghaddi biex ixxejjen dik ic-cirkostanza. Madankollu, id-dritt ta' difiza huwa wiehed sagrosant u ghandu dejjem ikun hemm certu bilanc bejn il-htiega ta' speditezza u d-dritt ta' difiza xierqa ghaliex altrimenti l-linja fina bejn dawn it-tnejn tista' tkun xi ftit nebuluza u f' cirkonstanzi simili jkun aktar indikat li jinghata differiment ghal-ezami/provi/sottomisjonijiet skond il-kaz;

Ghalhekk filwaqt illi tichad l-ewwel aggravju, qed tilqa' t-tieni wiehed u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji l-ohra;

Tiddisponi minn dan l-appell billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett u stante illi l-appellanti ma kienux ghandhom ikkonkludew id-difiza taghhom quddiem l-ewwel Qorti muhiex applikabbli l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, igifieri li din il-Qorti tiddeciedi l-kawza hi, u konsegwentement tordna li l-atti jkunu rimessi lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-kawza titkompla mill-istadju tal-prezentata tar-rapport tal-perit legali.

**IMHALLEF** **D/REGISTRATUR**